VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 123 tal-2012

ATT DWAR AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

ATT DWAR IL-BASTIMENTI MERKANTILI (KAP. 234)

Regolamenti tal-2012 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijabl-artikolu 28(1) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija, bl-artikolu 43(3) tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u bl-artikolu 374(1) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u l-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 423.29

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "u biex tiġi trasposta d-Direttiva 93/12/KEE, id-Direttiva 1999/32/KE, id-Direttiva 2005/33/KE, id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva 2003/17/KE u d-Direttiva 2009/30/KE", għandhom jidħlu l-kliem "u biex jiġu trasposti d-Direttiva 2005/33/KE, id-Direttiva 2003/17/EC, u d-Direttiva 2009/30/KE li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżil u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (3) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "inġenji rikreattivi għandu jitqiegħed fis-suq" għandhom jidħlu l-kliem "inġenji rikreattivi għandu jinbiegħ, jiġi offrut għall-bejgħ jew li xort'oħra jitqiegħed fis-suq".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "tar-regolamenti 4 u 5, għar-rigward tal-kombustibbli petrol u *diesel*, permezz tal-metodi analitiċi msemmija fl-istandards EN 228:2004 u EN 590:1999 rispettivament." għandu jidħol dan li ġej:

"tar-regolamenti 4 u 5, permezz tal-metodi analitiċi kif ġej:

(a) għar-rigward tal-kombustibbli petrol permezz tal-metodi analitiċi msemmija fl-i*standard* EN 228:2004;

(b) għar-rigward tal-kombustibbli *diesel* permezz tal-metodi analitiċi msemmija fl-i*standard* EN 590: 2004;

(ċ) għar-rigward taż-żjut tal-gass maħsuba li jintużaw minn makkinarju li ma jinġarrx fit-triq, tratturi agrikoli u forestali u minn inġenji rikreattivi permezz tal-metodi analitiċi msemmija fl-i*standard* EN ISO 8754.".